Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,604, 8 ta' April, 2021
Taqsima B

A.L. 139 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 li jemenda Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku (Emenda Nru 2) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465. 59.

Jissostitwixxi l-artikolu 1 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 1 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Titolu. 1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku.".